MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Avviz Numru. 100/2013

**Pauline Vella u Emmanuel Vella**

**vs**

**Salvatore Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-atturi nhar il-11 ta' April 2013 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' erbat elef, hames mija u sebghin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€4,570.82) dovuti minnu in konsegwenza ta' xoghlijiet li saru a spejjez tar-rikorrenti. Dawn ix-xoghlijiet kellhom isiru minnu, sabiex tigi ripristinata giardina u dan wara li gie dikjarat li huwa kkommetta spoll ai termini ta' sentenza citazzjoni numru 761/2004 fl-ismijiet ***Pauline u Emmanuel Vella vs Salvino Vella et.*** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Mejju 2011.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluz l-ittra ufficjali numru 165/2013, liema konvenut huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Salvatore Vella li giet prezentata fis-16 ta' Mejju 2013 fejn eccepixxa:

1. *"Illi preliminarjament, it-talba tal-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi u dan peress illi l-konvenut kien diga' irripristina l-access u l-gardina ghal li kienet u ghalhekk ma kienx hemm lok ghal ebda xoghlijiet ulterjuri;*
2. *Illi kompletament minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk jirrizulta illi kien hemm lok ghal xi xoghlijiet, dawn ix-xoghlijiet ghandhom jigu ppruvati u li dawn ix-xoghlijiet effettivament saru taht is-sorveljanza tal-AIC David Pace skond is-sentenza tas-6 ta' Mejju 2011 Appell Civili Numru 761/2004 fl-ismijiet "**Pauline u Emanuel Vella vs Salvino Vella et**".*
3. *Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet, jekk jirrizulta illi hemm xi ammont li huwa dovut mill-intimat, certament m'huwiex l-ammont reklamat fit-talba tal-atturi ta' erbat elef hames mija u*

*sebghin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€4,570.92), liema ammont huwa esagerat u eccessiv u ghandu jigi ppruvat;*

4. *Illi l-azzjoni ta' spoll taghti biss lok ghar-reintegrazzjoni fil-pussess u mhux ghad-danni. Illi l-intimat bhala sid tal-gardina in kwistjoni minn issa qieghed jinterpella lill-atturi ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnu sofferti bhala rizultat tal-agir abbusiv tal-atturi;*
5. *Ghalhekk t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;*
6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat illi wkoll nhar is-27 ta' Novembru 2013, il-konvenuti kienu ipprezentaw eccezzjoni ulterjuri fejn eccepew l-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-atturi li giet prezentata fis-26 ta' Gunju 2013 li biha esebew is-segwenti dokumenti:

Dok A – Kopja legali ta' ittra ufficjali numru 2390/2011;

Dok B – Kopja legali ta' ittra ufficjali numru 165/2013;

Dok C – Stima li kien ghamel Dr Charles Francis Grech datata 19 ta' April 2005;

Dok. D – Relazzjoni li kien ghamel il-Perit David Pace wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell;

Dok E – Hlas li kien sar lill-pulizija sabiex ikunu prezenti meta kienu qed isiru x-xoghlijiet;

Dok. F – Dritt li thallas lil Perit David Pace ghas-sorveljanza tax-xoghlijiet;

Dok. G – Invoice u ricevuta ghal qtugh ta' sigar u tindif;

Dok H – Ittra mibghuta lil konvenut datata 2 ta' Marzu 2012;

Dok I – Ittra mibghuta lil konvenut datata 24 ta' Mejju 2011.

**Dr Charles Francis Grech** xehed fis-26 ta' Gunju 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' Assistent Direttur Affarijiet Ambjentali fic-Civil u cioe' jahdem fl-Ufficcju tal-Prim Ministru. Huwa gie muri d-dokument C esebit f'dawn l-atti u qal li dan huwa rapport mahrug minnu nhar id-19 ta' April 2005, u kkonferma l-kontenut kollu tieghu. Mistoqsi min kien qabdu biex jaghmel dan l-inkarigu, wiegeb li kien Emanuel Vella.

In kontro-ezami x-xhud gie mistoqsi ezattament x'ghamel, u wiegeb li kien ra r-ritratti tal-post, ezamina r-ritratti sabiex jikkonferma u skond il-professjoni tieghu kkalkula kemm possibilment seta' kien it-telf. Mistoqsi minn fejn ha r-ritratti, wiegeb li dawn kienu gew moghtija lilu mis-sur Vella u ddikjara li din hija kwistjoni standard - jekk ghandek sigra u din is-sigra ghandha certu daqs li inti tkejlu, kif jidher mid-daqs indikat fir-rapport inti tindika l-valur tal-injam li jkun fiha kull sigra. Huwa spjega li trid thares ukoll lejn il-fatt, jekk inti tkun hawwilt sigra, u hawiltha f'dan il-post u qed tgawdiha kuljum, qed tiehu xi haga minnha jew ilqugh ta' rih jew qed tiehu xi pjacir taraha.

Ix-xhud stqarr li ma jistax jghid jekk kienx rahom jew le ghax ghaddew tmien snin u nesa. Jekk mhux sejjer zball pero' l-hsara kienet diga' saret, u ghalhekk meta tkun diga' saret il-hsara, naturalment ix-xhud ried jaghmel assessjar ex post facto. Mistoqsi mill-Qorti jispjega l-kelma *esternalita'* a fol 3 tar-rapport

tieghu stess, wiegeb li din hija terminu ekonomiku li juri l-valur ta' xi haga tkun li tkun li mhux tangibli fis-sens ta' flus, fis-sens ta' avjament *goodwill business*..

Mistoqsi mill-Qorti fejn huma r-ritratti li kien gie moghti mis-sur Vella biex jaghmel l-ezami fuqhom wiegeb li m'humiex fuqu pero' jista' jkun li kienu d-dar tieghu. Mistoqsi mill-Qorti kemm ilu jaghmel dan it-tip ta' xoghol wiegeb li ilu jaghmlu madwar ghoxrin sena. Huwa ilu tmien snin ma jidhol f'dan il-post. Mistoqsi jekk dawn is-sigar kinux ghadhom fil-gardina jew tnehhewx meta ghamel ir-rapport tieghu, wiegeb li ma jiftakarx.

**Dr Charles Francis Fenech** xehed in kontro-ezami fis-6 ta' Novembru 2013 u ddikjara li una volta tara r-ritratt ikun possibbli li ssir stima abbazi tar-ritratt. Per ezempju anke jekk ikun hemm sigra li tinharaq u jkun hemm ritratt taghha xorta tkun kapaci tghid is-snin ta' din is-sigra, pero' mistoqsi kemm hi kbira l-gardina in kwistjoni wiegeb li ma jafx. Huwa tenna li l-prodott li huwa mertu tal-kawza hija biss sigra. Ghalhekk jekk l-ghalqa in kwistjoni hija zdingata jew le din ma taffetwax is-sigra in kwistjoni. Mistoqsi meta sab dawn ir-ritratti, wiegeb li dawn ir-ritratti gew moghtija lilu *pendente litis* u kienu gew mehuda wara li bdiet il-kawza. Huwa spjega li ghamel l-istima tieghu fuq dak li gie mgharraf lilu mis-sur Vella. Fil-fatt is-sur Vella kien urieh ritratti u talbu l-opinjoni tieghu. Dawn ir-ritratti gew mehuda fil-mori ta' kawza li kienet ghaddejja fl-2005.

Mistoqsi min effettivament hawwel is-sigar wiegeb li skont dak li qallu Vella, kien hu li hawwilhom u kien qieghed igawdihom. Huwa ma jafx min hu s-sid pero' jaf li kien is-sur Vella li kien igawdi din il-gardina. L-attur kien qal lix-xhud li l-konvenut li jigi huh, dahal fl-ghalqa. Ix-xhud stqarr li s-sigra tal-akacia illum

hija projbita li zzomha jew thawwilha bil-ligi. Huwa tenna li mexa fuq l-informazzjoni li tah l-attur u r-ritratti li gew murija lilu. Ix-xhud sostna li kien hemm certu fattwalita' f'dak li qal l-attur minhabba d-divergenza taz-zmien ta' meta gew imhawwla s-sigar. Huwa kien kapaci jkejjel is-sigra minn vizwalita' tar-ritratt u jaghmel l-istima relatata.

Ix-xhud ma jafx x'access kellu is-Sur Vella u ghal liema skop kien. Huwa nizzel biss dak li qallu s-sur Vella u naturalment huwa ma kienx l-iskop tieghu li joqghod jivverifika d-drittijiet li kellu, l-iskop tieghu kien biss biex jaghmel stima. Ghalhekk dawn is-sigar ghandhom uzu ta' wind breaker. Is-sigra tal-akacja hija kapaci taghmel tinda ta' bejn sitta u seba' metri, u kien hemm sitta minnhom. Ix-xhud spjega li s-sigra tal-ewkaliptus ta' hmistax-il sena normalment jkollha bejn tlieta u erba' metri u meta dawn ikunu zdingati u mhux mizbula jkunu akbar u ghalhekk jilqghu aktar rih. Mistoqsi jekk kienx jaf li l-gardina kienet mdawwra bil-bini, wiegeb li iva kien jaf, pero' xorta jekk ser ikun hemm is-sigar dan ser ikompli jilqa', kemm jekk jaghtuh id-dell fis-sajf kif ukoll meta jkun hemm ix-xita fix-xitwa u jkun hemm xi rih qawwi. Meta jkun hemm sigra u r-rih ikun qed jonfoh minn certu naha ikun hemm kenn mir-rih ghal ghaxar tulijiet u ghalhekk hemm zewg sulari, hemm zewg sulari ghal ghaxar darbiet.

Rigward il-valur tal-injam bhala sigar, huwa tah fuq standard u ghalhekk ta valur ta' per se il-hatab ta' go fih, kif indikat fol 2 fir-rapport tieghu. Kieku dawn is-sigar gew imhawwla biex ikun hemm attrazzjoni ghall-ghasafar, il-valur tas-sigar kien ikun akbar, ghax kien ikun hemm *an added bonus*. Mistoqsi jispjega l-veduta li huwa iddeskriva fir-relazzjoni tieghu wiegeb li sigra fiha nfisha taghti pjacir lill-bniedem u ghalhekk una volta kien hemm

dawn is-sigar go din il-gnejna li huma hodor u sbieh, ghalih tfisser li hemm veduta sabiha. Ghalhekk ix-xhud spjega li sigar  per se jaghmlu veduta sabiha irrispettivament mill-ambjenti taghha. Huwa wasal biex ghamel kalkolu tal-ixkejjer billi ha d-dijametru u tul tas-sigar. Ix-xhud spjega li dan l-ezami ghamlu approssimattiv mir-ritratti li ra u minn dak li qallu s-sur Vella.

Ix-xhud tenna li meta ghamel l-esternalita' fir-rapport tieghu kien hemm tlett persuni, ghaliex is-sur Vella qallu li kien jghix hemmhekk flimkien ma' zewg hutu. Ghalhekk stima ta' tletin sena tfisser li tgawdihom ghal perjodu ta' tletin sena. Ix-xhud spjega li sigra kalbarina tikber medja normali u f'ghoxrin sena jkollok sigra mdaqqsa, izda akacia tikber malajr hafna u ghandha *nobar rotation* ghal erba' u ghoxrin sena. F'ghaxar snin sigra ta' akacia tikber normali ghalhekk hi sigra kbira. L-ewkaliputus tikber malajr ukoll u f'sentejn tikber anke sular u nofs  ghax jekk tissaqqa tikber. Il-bella donna mhix sigra tal-hatab izda taghmilha fil-qsari u tbieghhom b'mod separat.

**Il-Perit David Pace** xehed fis-26 ta' Gunju 2013 fejn iddikjara li huwa kien gie nominat mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza moghtija fis-6 ta' Mejju 2011 fejn gie mitlub sabiex jissorvelja xi xoghlijiet li saru. Huwa kien mar u ghamel access, spezzjoni fil-lok u ra li effettivament ix-xoghlijiet kienu qed isiru. Fil-fatt kien rega' nfetah il-bieb u kien rega' nbena gallinar. Kienu tnehhew xi sigar u l-ahhar li mar kien ghad fadal xi pajpijiet u attrezzaturi bhal tankijiet mal-hajt.

Ix-xhud spjega li meta kien mar ra li qacctu xi sigar li kien hemm. Fil-fatt kien hemm numru ta' ritratti mar-rapport. Huwa esebixxa kopja tar-rapport bir-ritratti liema rapport gie mmarkat bhala dokument DP. Mistoqsi min kien

ghamel dawn ix-xoghlijiet, wiegeb li minn dak li gie rappurtat lilu effettivament kienu l-atturi. Fil-fatt fit-tieni access li ghamel, l-atturi kienu qalu li kienu ser inehhu dawn il-pajpijiet u attrezzaturi li kien hemm mal-art u effettivament ghalhekk ix-xhud kien thallas tar-rapport tieghu mill-attur. Mistoqsi jekk setax kien il-konvenut li fetah il-bieb u rriprestina il-gallinar wiegeb li ma jeskludix dan. Fil-fatt wara li ra l-ewwel verbal tal-access li kien mar fuqu qal li hemm miktub li l-bieb infetah pero' ma giex infurmat min effettivament kien fethu. Naturalment huwa kien gie nfurmat li l-gallinar inbena.

Mistoqsi x'tip ta' sigar inzerghu wiegeb li kienu sigar tal-frott, pero' mhux cert dwar dan ghax huwa mhux espert agrikolu. Huwa ma kienx prezenti meta tnehhew is-sigar. L-atturi kienu qalulu li sigar kienu gew mizrugha mill-konvenuti. Huwa rega' mar fit-12 ta' Gunju 2012 meta gibed ir-ritratti esebiti fejn irrizultalu li sigar kienu tnehhew.

Rat l-affidavit tal-attrici **Pauline Vella** li gie pprezentat fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2013 fejn iddikjarat li wara s-sentenza tal-Appell li nqatghet fis-6 ta' Mejju 2011, kopja taghha annessa u mmarkata Dok. J mal-affidavit, huma rebhu lura l-pussess tal-gardina u skond is-sentenza din kellha terga' tigi lura ghall-istat li kienet fih qabel.

L-attrici spjegat li Salvinu Vella kellu jnehhi s-sigar, il-pajpijiet u xi affarijiet ohra. Huma stennew sena shiha biex jizbarazza kollox halli jkunu jistghu jergghu juzawha izda dan ma sehhx. Ghalhekk marru jkellmu lill-Assistent Kummissarju Zammit fuq dan il-kaz li cempel lill-Ispettur Mifsud tal-Ghassa tan-Naxxar, li kien baghat ghal Salvinu Vella u qallu li skont is-sentenza tal-

Qorti kellu jaghmel xi xoghlijiet. L-attrici ddikjarat li minhabba l-fatt li dan ma kienx ghadu ghamlu, kellhom jaghmlu x-xoghol huma.

Wara dan il-konvenut filfatt kien rega' pogga l-gallinar fl-1 ta' Gunju 2011 u rega' fetah l-access li kellhom mid-dar ghall-gardina fl-4 ta' Gunju 2012.

L-attrici ddikjarat li dak li kien baqa' kien it-tindif, jitnehhew il-pajpijiet u drippijiet, jitnehhew xi tankijiet u xi qsari tal-plastik u jergghu jinzerghu s-sigar. Hija ezebiet kopja ta' ricevuta mahruga minn Mario Vella ghas-sigar li xtraw. Din ir-ricevuta giet immarkata bhala Dok K. Dan ix-xoghol sar fl-4 ta' Gunju 2012 taht is-sorveljanza ta' zewg membri tal-korp tal-pulizija.

Hija spjegat li qabdu lil Salvu Muscat ghal qtugh u garr ta' sigar u kien avzat ukoll il-perit tal-Qorti David Pace li wara xi zmien kien mar fuq il-post.

L-attrici sostniet li huma ma hadux passi qabel biex Salvino jilhaq jigbor il-prodotti li kellu. Izda wara li Salvinu baqa' ma ghamel xejn wara t-tieni ittra taghhom fl-2012 iddecidew li jaghmlu l-affarijiet huma.

**Pauline Vella** xehdet in kontro-ezami fil-5 ta' Marzu, 2014 fejn iddikjarat li hija ma taqbilx li l-propjeta' in kwistjoni kienet fi stat ta' abbandun u zdingat. Din kienet gardina normali u naturalment kien hemm sigar, hamrija, kien hemm sigra tal-*euchaliptus* u xi sigar ohrajn li ma tafx in-natura taghhom. Mistoqsija jekk ghandhiex ritratti wiegbet li iva, ghandha ritratti photo area. Il-gardina kienet tinfed mad-dar bis-sigar u meta kienu ghadhom zghar missierha u huha

kienu jhawlu fiha. Hija spjegat li meta kienu zghar kienu anke sahansitra jilghabu fiha din il-gardina. Kien hemm ukoll gallinar bit-tigieg qabel ma sar l-ispoll u huha kien johrog jitma lit-tigieg.

L-attrici kkonfermat li wara li naghtaw is-sentenza, il-konvenut irripristina l-access u l-gallinar kif kienu qabel. Fil-klawsola numru 4 tal-affidavit taghha fejn hemm id-data 4 ta' Gunju 2012, din ghandha tinqara 2011 kif effettivament hemm imnizzel fi klawsola numru 3. Hija kkonfermat li t-tankijiet u l-qsari kienu fil-gardina qabel ma sar l-isfol, fil-fatt kienu jkunu hemm bl-ilma tat-tisqija. L-attrici kkonfermat ukoll li kull ma hemm pajpijiet u dawn ghamilhom il-konvenut u dawn riedet tnehhihom. Dawn huma pajpijiet tal-irrigation ghat-tisqija. Din is-sistema kienet giet introdotta mill-konvenut stess. Huma kienu jsaqqu b'mod manwali bil-bramel. L-attrici ddikjarat li qabel kien hemm sigar ohrajn, u ma kienx hemm sigra taz-zebbug pero' ma setghux jaghmlu l-istess tip ta' sigar li kien hemm qabel. Ghalhekk huma ghamlu sigar li huma ndikati fid-dokument K a fol 49 tal-process. Dan ghaliex kien hemm sigar li jsiru projbiti biex jergghu jigu mhawla. Hija qalet li s-sigar ghamluhom differenti.

L-attrici sostniet li huma damu sena biex jaghmlu dan ix-xoghol li kellu jsir. Fil-fatt damu sena biex jergghu jibnu din il-gardina ghax baqa' jahdem fiha l-konvenut. Huwa kien jizra l-ful u jimla kull ma hemm bl-ilma u fl-ahhar wara sena dehrilhom li kellhom jiehdu azzjoni. Fil-fatt meta sussegwentament naddfu s-sigar fil-prezenza tal-pulizija stess, il-mara tal-konvenut ghajritha wkoll. Meta sar ix-xoghol fil-gardina, il-Perit Pace ma setghax imur u fil-fatt kien qalilhom biex jaghmlu x-xoghol huma u kien imur jivverifika wara, u filfatt hekk sar.

Rat l-affidavit tal-konvenut **Salvatore Vella** li gie pprezentat seduta stante nhar id-9 ta’ Ottubru, 2013 fejn iddikjara li huwa u martu Monica ilhom proprjetarji tal-giardina in kwistjoni mis-sena 2004, liema giardina giet moghtija lilhom minghand iz-ziju tieghu Guzeppi kif jidher mill-kuntratt ta’ donazzjoni anness mal-affidavit u mmarkat bhala Dok ‘A’. Ghalhekk il-giardina ilha taghhom ghal kwazi ghaxar snin u ma jistax jifhem kif hutu Pauline u Emanuel Vella qed jippretendu illi jhallas ghal affarijiet li fil-fatt huma hwejgu.

Il-konvenut spjega li hemm ukoll kawza ghaddejja bin-numru 934/2012 JA li fethu kontra hutu sabiex il-Qorti tiddikjara li hutu Pauline u Emmanuel qeghdin juzaw il-giardina minghajr ebda titolu validu fil-ligi u sabiex tiddikjarhom responsabbli ghad-danni kollha kkawzati lilhom bl-okkupazzjoni ta’ din l-art kontra r-rieda taghhom minghajr dritt jew titolu ghalihom.

Skond is-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Mejju 2011 fejn il-Qorti ordnat li tirripristina l-access u l-gardina (sentenza annessa u mmarkata bhala Dok B), il-konvenut kien irripristina l-access u l-gardina qabel it-terminu ta’ xahar moghti mill-Qorti ta’ l-Appell, cioe’ sas-6 ta’ Gunju 2011 huwa kien diga’ fetah il-bieb u rranga l-gallinar.

Il-konvenut filfatt kien naddaf ukoll il-giardina fuq struzzjonijiet taz-ziju tieghu Guzeppi li dak iz-zmien kien sid il-giardina li tinfed mid-dar tieghu (illum kemm id-dar taz-ziju u l-giardina hija proprjeta’ tal-konvenut). Huwa kellu struzzjonijiet biex inaddafaha ghax il-giardina kienet fi stat ta’ abbandun u zijuh ma kienx jiflah inaddafha hu stess. Ghalhekk huwa naddaf il-giardina u

pogga t-tankijiet u qsari tal-plastik li kien hemm fil-genb tal-giardina kif jidher mir-ritratt anness mal affidavit bhala Dokument 'C' kif ghadhom sallum.

Il-konvenut sostna li Pauline u Emmanuel Vella ghandhom ihallsu ghad-danni kollha kkawzati lilu billi qeghdin juzaw proprjeta' tieghu minghajr ebda dritt jew titolu. Hutu Pauline u Emmanuel Vella qeghdin jipprovaw b'kull mezz li jistghu sabiex igghaluh ihallas ghal affarijiet li m'humiex taghhom u li huma fl-art tieghu. Huwa sostna li jekk hutu riedu jhawwlu xi sigar ghandhom juzaw proprjeta' taghhom u mhux ta' xi hadd iehor. Huwa ma kkawza l-ebda danni lill-hutu Pauline u Emmanuel ghax din hija proprjeta' tieghu u tal-mara tieghu u mhux ta' hutu. Huwa ddikjara li biex isaqsu ghal danni huma ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom.

Rat li **Salvu Vella** fit-22 ta' Jannar, 2014 ipprezenta ritratt li gie mmarkat bhala Dokument Z.

**Salvu Vella** xehed nhar l-4 ta' Gunju 2014 fejn iddikjara li r-ritratt esebit fl-atti a fol 100 immarkat bhala Dokument Z hu mehud minnu circa fis-sena 1986 u dana sabiex juri r-ritratt tal-*conveyor*. Fuq wara hemm ukoll il-gardina mertu tal-kawza u kull ma jidher fiha huwa sigra wahda li kollox jibqa' juri haxix hazin u zdingar.

Rat in-nota ta' **Salvatore Vella** li giet ipprezentata fl-4 ta' Dicembru 2013 li permezz taghha pprezenta l-affidavit ta' martu Monica Vella mmarkata bhala Dok 'MV' bid-dokumenti annessi u mmarkati minn Dok MV1 sa Dok MV11.

**Monica Vella** kkonfermat dak kollu li qal zewgha Salvatore fl-affidavit tieghu. Hija ziedet tghid illi minn meta saru proprjetarju tal-gardina in kwistjoni, cioe' mis-sena 2004 skond il-kuntratt ta' donazzjoni gja pprezentat, huma bdew juzaw il-gardina. Filfatt huma kienu hawlu sigar tac-citru li kienu jtuhom prodott tajjeb hafna kif jidher mir-ritratti annessi u mmarkati bhala Dok. MV1 u Dok. MV2. Huma kellhom ukoll kompost fil-gardina taghhom, izda minn mindu Emanuel u Pauline qacctulhom is-sigar tac-citru u hallew il-klieb taghhom johorgu gol-gardina taghhom, hija kienet tibza' tidhol fiha. Filfatt qalet li ricentement kien hemm okkazjoni meta l-klieb taghhom kienu grew ghal fuqha malli harget fil-gardina u ghalhekk hija tibza' tidhol go hwejjigha stess. Hija sostniet li ghamlet diversi rapporti l-ghassa tal-pulizija minhabba l-klieb ta' Emanuel u Pauline li mar ghaliha u kif ukoll miinhabba l-ghejbien tal-kompost taghhom li kif qalet kienu jzommuh gol-gardina taghhom.

Ix-xhud ipprezentat l-ircevuti tac-cens li jhallsu lill-Ufficju Kongunt ghal din il-gardina (annessi bhala Dok. MV3 – MV9) kif ukoll it-testment taz-ziju Guzeppi fejn halla lix-xhud u lil zewgha Salvatore bhala eredi universali li hu anness bhala Dok. MV10.

Hija sostniet li ma tistax tifhem kif Pauline u Emanuel qed jippretendu li jhallsuhom ghal sigar li huma qeghdin jghidu li kienu fil-gardina taghhom stess, liema gardina qatt ma kienu jiehdu hsiebha huma u lanqas biss kienu jaghtu kasha peress li l-gardina mhix taghhom izda hija tax-xhud u zewgha u qabel kienet taz-ziju Guzeppi. Ghalhekk huma qed jipretendu hlas ta' tgawdija u ghaz-zkuk ta' sigar li qed jghidu li kienu fil-gardina taghhom u dan meta

huma kull ma ghandhom hija access minn passagg ghal gol-ghelieqi, liema skop illum spicca.

Ix-xhud ipprezentat ukoll kopja awtentika ta' pjanta li hi u zewgha gabu minghand il-Mepa li turi li l-proprjeta ta' Emanuel u Pauline Vella m'ghandhiex twieqi jew bieb ghal fuq l-art taghhom u li dawn gew kosruwiti minghajr permessi, liema pjanta giet immarkata bhala Dok. MV11. Filfatt din hija l-unika permess li hemm mis-sittinijiet sallum u ghalhekk ma jezistu l-ebda permessi ghal dawn it-twieqi u bieb.

Ix-xhud iddikjarat illi Pauline u Emmanuel Vella ghandhom ihallsu ghad-dannio kollha kkawzati lilhom billi qeghdin juzaw proprjeta' taghhom minghajr ebda dritt jew titolu. Filfatt Pauline u Emmanuel Vella qeghdin jipprovaw b'kull mezz li jistghu sabiex igaghluhom ihallsu ghal affarijiet li lanqas ma huma taghhom u li huma fl-art tax-xhud u zewgha, meta huma kull ma ghandhom huwa access minn passagg ghal skop ta' kacca li llum spicca. Hija sostniet li ma kkawzaw l-ebda danni lil Pauline u Emanuel Vella il-ghaliex din hija proprjeta' tax-xhud u ta' zewgha u mhux taghhom. Hija ddikjarat li biex l-atturi jsaqsu ghal danni huma ghandhom jippruvaw li ghandhom titolu fuq l-art. Hija pprecizat billi l-gardina hija proprjeta' taghha anke s-sigar imhawwlin fiha huma proprjeta' tax-xhud u Pauline u Emanuel ma jistghux jitolbu danni fir-rigward tal-istess.

Rat in-nota ta sottomissjonijeit tal-atturi prezentata fl-atti nhar it-3 ta' April 2014 (fol. 104) u dik responsiva tal-konvenuta kif pezentata fl-atti seduta stante nhar it-2 ta Lulju 2014 (fol. 114).

Semghet lill-partijiet jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha u dan fis-seduta tat-2 ta’ Lulju 2014.

**Ikkunsidrat:**

Illi f’din il-kawza l-atturi qed jitolbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuhom is-somma pretiza minnhom fl-ammont ta’ erbat elef, hames mija u sebghin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€4,570.82) rapprezentanti valur ghax-xoghojiet li huma ghamlu wara li giet deciza s-sentenza fl-ismijiet ‘Pauline u Emmanuel Vella vs Salvino Vella et’ deciza mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta’ Mejju 2011 fejn l-konvenuti gew ordnati sabiex jirrilaxxjaw gardina f’idejn l-atturi odjerni u jirriprestinaw l-istess gardina fl-istat li kienet qabel ma kkomettew l-ispoll u dan fi zmien xaghar minn meta giet deciza din l-istess kawza. Il-konvenuti fl-eccezzjonijiet taghhom jichdu li huma ghandhom jaghtu somma flus lill-atturi u dan ghaliex jghidu li kienu gja irriprestinaw il-gjardina ghall-istat li kienet qabel ma kkommetew l-att ta’ spoll u jecepixxu wkoll l-ammont mitlub mill-atturi huwa ferm akbar minn dak misthoqq. Il-konvenuti jecepixxu li l-azzjoni ta’ spoll taghti lok ghar-reintegrazzjoni fil-pusess u mhux ghad-danni.

Illi mill-provi prodotti jinghad *ab initio* li din mhix kawza ta’ spoll kif donnu stqarr il-konvenut fir-raba’ eccezzjoni tieghu izda hija kawza ghal hlas ta’ spejjez li l-atturi inkorrew sabiex l-gjardina tigi irrippristinata ghall-istat li kienet qabel ma gie kommess l-att ta’ spoll mill-konvenuti u dan ai termini tas-

sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fejn il-konvenuti kellhom zmien xaghar sabiex jaghmlu dan u evidentement naqsu li jaghmlu dan.

Illi naturalment l-atturi iridu jipprovaw li l-ammont li qed jirreklamaw jirrapprezenta fl-intier tieghu l-ispiza li huma halsu ghar-ripristinazzjoni tal-gardina.

Illi kif intqal fis-sentenza '**Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino',** (Appell Kummercjali 25 ta' Frar 1952**)** mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kummercjali:

*"hu elementari fl-amministrazzjoni tal-gustizzja l-principju hekk enuncjat mill-* ***Powell On Evidence*** *(p.487): In the administration of justice, as in ordinary life, we have often to deal with competitive 'probabilities'. The tribunal must not look for more than what is called 'a moral certainty' ...*

*The whole object of evidence is to create a conviction on the mind of a reasonable and practical man; and such conviction must be based upon the facts proved by express evidence and on the inferences which naturally and probably arise from them***."**

Illi hekk ukoll kif qalet din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta fis-sentenza '**Alexander Boiciuc vs Joseph Cardona ezercenti fil-kummerc bhala JC Real Estate**' (Avviz Numru. 260/2009CSH – 04/07/2012):

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju m'huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezz morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet... Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment suffecjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.* (Vide **'George Bugeja vs Joseph Meilak'** deciza 30 t'Ottubru 2003 PA)."

Illi t-tip ta' prova li jrid jridu jressqu l-atturi huma skond il-gurisprudenza konstanti li:

a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova talezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l- atturi li jsostnu l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn ghall-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-atturi (*reus in excipiendo fit actor*) (Vol. XLVI.i.5).

b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta' (Vol. XXXVII.i.577).

c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet.

Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;

d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-**Artikolu 218** tal-Kap. 12 li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni ("**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" – A.I.C. (PS) -12 t'April, 2007; "**Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco** – A.C. -30 ta' Gunju 1912 (Vol. XXIV/i/104).

Issa l-atturi pprezentaw is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta' Mejju 2011 (Dok B a fol. 56) u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-konvenuti kienu nghataw xahar zmien sabiex jirripristinaw l-access u l-gardina fi stat li kienet qabel ma sehh l-ispoll u fin-nuqqas awtorizzat lill-atturi odjerni sabiex jaghmlu dan l-istess xoghol a spejjez tal-konvenuti odjerni u dan kollu kellu isir taht is-sorveljanza tal-perit David Pace li kien gie mahtur ghal dan il-ghan ghas-spejjez tal-konvenuti (fol. 71).

L-atturi ipprezentaw kopji taz- zewg ittri li huma baghtu lil konvenuti wahda minnhom datata nhar l-24 ta' Mejju (dok I a fol. 29) fejn interpellaw lill-konvenuti sabiex fi zmien gimgha jottemporaw ruhhom mas-sentenza fuq imsemmija u itra ohra data 2 ta Mrzu 2012 (Dok H a fol. 28) fejn ghal darb ohra gew interpellati sabiex jirrintegraw l-gjadina fl-istat li kienet qabel ma gie kommess l- ispoll. Cio nonostante jidher li ma sar xejn minn dan tant li l-aturi bdew ighamlu ix-xoghlijiet huma . Jidher li ix-xoghlijiet saru taht id- direzzjoni tal -Perit nominat mill Qorti David Pace u dan skond ir- relazzjoni esebita fl-atti a fol. 24 makata bhala dok D u li l-perit thallas is-somma ta' Euro 253 mill-attur Emanuel Vella (vide il VAT recevuta a fol. 26).

Illi l-atturi pprezentaw ukoll rapport ta' Dr. Charles Francis Grech, Forester u Environmental Manager fejn spjega x-xoghol li sar fil-gardina in desamina u in oltre l-ispiza li kienet involuta sabiex l-istess tigi rripristinata ghall-istat li kienet qabel bl-istess sigar u xtieli li kien hemm. Naturalment din il-Qorti sejra tara biss l-ispejjez li kienu nvoluti sabiex l-gardina tigi irripristinata ghall-istat li kienet u mhux ghat-telf ta' dhul li kien hemm bhala rizultat li l-gardina ma kinitx f'idejn l-atturi ghal perijodu ta' zmien meta kienu gew spoljati mill-uzu

taghha u dan ghaliex it-talba tal-atturi ma tkoprix it-talba sabiex jigu kkumpensati ghad-danni li sofrew ghat-telf ta' uzu ta' din il-gardina. Din il-Qorti giet mitluba biss li tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez inkorsi mill-atturi u mhux sabiex tiddikjara kemm kienu d-danni li sofrew, li hija haga differenti u ghalhekk mhix ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammont li gie likwidat ai fini ta' esternalita' mill-espert nominat mill-atturi bhala parte civile.

Illi minn dak li xehed Dr. Charles Francis Grech jirrizulta li fil-gardina kien hemm numru ta' sigar li kienu mhawla qabel ma l-konvenut ha pusess illegittimu tal-gardina u dawn huma deskritti fir-rapport tieghu u kkwantifika il-valur tas-sigar li kien hemm fl-ammont ta' Lm840 ekwivalenti ghal elf, disa' mija u sitta u hamsin ewro u seba' u sittin centezmu (€1,956.67). Illi l-konvenuti dwar dan ma jaqblux ghaliex jghidu li effettivament is-sigar ma jiswewx daqshekk u li ma kinux kollha hemm fil-mument ta' tehid tal-gardina minnhom. Jirrizulta minn ezami tad-dokument E esebit fl-atti a fol 25 li l-atturi hallsu s-somma ta' tmienja u erbghin ewro u disa' u ghoxrin centezmu (€48.29) lill-Pullizija Ezekuttiva ta' Malta sabiex ikun hemm zewg membri tal-pulizija prezenti waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet in konnessjoni mal-prestinazzjoni tal-gardina, hallsu wkoll is-somma ta' mitejn u hamsa u tletin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€253.53) lill-Perit David Pace skond l-ircevuta tal-VAT a fol. 26 (Dok F) fejn l-istess Perit kien gie nominat sabiex jissorvelja ix-xoghol li kellu jsir ordnat mill-istess Qorti tal-Appell li tat is-sentenza fuq riferita bejn il-kontendenti, is-somma ta' mija u sebghin ewro (€170) lil Saviour Muscat ghal qtugh tas-sigar u tindif. B'kollox ghalhekk l-atturi nefqu s-somma ta' elfejn, erba' mija u tmienja u ghoxrin ewro u disgha u erbghin centezmu (€2,428.49).

Illi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-konvenut nhar is-27 ta’ Novembru 2013, il-Qorti rat in nota ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet. Ghar-rigward dik tal-atturi jinghad bla tlaqliq li l-atturi ghandhom ragun ghal dak li stqarru u cioe’ li tali ecezzjoni hija inkompatibbli mal-eccezzjonijiet sussegwenti u cioe’ li l-ammont mitlub mill-attturi huwa esagerat u eccessiv. Din il-Qorti, apparti il-fatt li tirrileva li din l-azzjoni promotrici mhix wahda ghad-danni izda azzjoni sabiex l-atturi jigu rimborsati ghall-ispejjez li huma hargu sabiex jirrippristinaw il-gardina kif ordnat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, hija inkompatibbli ma’ l-eccezzjonijiet l-ohra moghtija mill-konvenut.

Ghalkemm huwa minnu li fi proceduri bil-miktub f'materja ta' eccezzjonijiet tezisti l-possibilita` li l-eccipjent jissolleva eccezzjonijiet alternattivi, kif ukoll li jaghmel dan "bla pregudizzju", b'danakollu xorta wahda jibqa' dmir tal-parti eccipjenti li tara li f'dak li hija tkun qeghdha tasserixxi bil-gurament per via ta' eccezzjoni ma jkunx hemm hwejjeg li huma manifestament konfliggjenti. Ghalkemm ix-xjenza legali tista' twassal biex l-impostazzjoni tal-premessi u t-talbiet fl-att tac-citazzjoni, kif ukoll l-eccezzjonijiet fin-nota tal-konvenut isiru b'certa teknika u hila, dan ma jfissirx li parti f'kawza ghandha tithalla tbiddel impenement att procedurali f'espedjent ta' mera konvenjenza jew, aghar u aghar, fi stratagemma intiza biss biex tinnewtralizza l-azzjoni istitwita kontriha mill-parti l-ohra. Fi kliem aktar semplici, kull parti ghandha d-dmir li tkun veritjera u lejali lejn il-Qorti u lejn il-parti avversarja fl-interess suprem tal-gustizzja.

Minn qari u konsiderazzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut ghat-talba attrici huwa immedjatament evidenti li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata ma tistax tirnexxi. In effetti ghalkemm il-konvenut eccepixxa li

l-azzjoni attrici hija preskritta bid-dekors ta' sentejn ai termini ta' l-**Artikolu 2153** tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-istess hin eccepixxa wkoll li l-quantum tad-danni reklamati mill-atturi huwa wiehed eccessiv (meta anke hawn huma zbaljati ghaliex l-atturi ma talbux danni izda rimbors). Ad ogni caso, dawn iz-zewg eccezzjonijiet huma inkompatibbli ma' xulxin u l-eccezzjoni li l-quantum tad-danni huwa eccessiv u ezagerat effettivament toqtol l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu ma tistax ma tinftiehimx hlief bhala ammissjoni tal-kreditu imma li hemm kontestazzjoni dwar il-quantum ta' l-ammont pretiz.

Din l-osservazzjoni ssib konferma f'diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali bhal ad ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Guido J. Vella A.&C.E. v. Dr. Emanuel Cefai LL.D**., Citaz. Nru. 147/88 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001, fejn inghad f'dik il-kawza illi *"l-eccezzjoni ta' l-appellant illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohra fosthom dik tal-preskrizzjoni, l-ammont mitlub mill-attur appellat kien esagerat u mhux dovut lilu fl-ammont minnu mitlub, hi inkonsistenti ma' l-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Din it-tielet eccezzjoni, fl-istess kawza ma tistax ma tinftiehimx hlief bhala ammissjoni tal-kreditu imma li hi kontestazzjoni tal-quantum."* Fis-sentenza fl-ismijiet '**Aluminium Limited v. Earli Limited**,' Appell Civili Nru. 575/98, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Frar 2004, fejn dwar l-aggravju f'dawk il-proceduri li t-tieni w t-tielet eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta huma kontradittorji, u permezz tat-tielet eccezzjonijiet [sic] is-socjetà konvenuta giet ammettiet li ghandha thallas ghall-appogg lis-socjetà attrici u ghaldaqstant kwalunkwe eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma tregix, osservat illi d-difensur tas-socjetà appellanti f'dawk il-proceduri ghamel referenza ghas-sentenza moghtija minn din l-Qorti (Sede Inferjuri) fid-disgha u ghoxrin ta' Jannar 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Antonia Attard Gialanzè v. Emanuel Rizzo et**.

F'din l-ahhar imsemmija kawza – bhal fil-kawza odjerna – il-konvenuti eccepew:

*"illi l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-**artikolu 2148(b)** [fil-kawza odjerna l-**artikolu 2156(f)]** [u fil-proceduri odjerni l-**Artikolu 2153**] tal-Kodici Civili, u sussidjarjament u bla pregudizzju fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub huwa esagerat*" u fis-sentenza li ghadha kemm saret riferenza ghaliha, dina l-Qorti affermat hekk: "*Dwar is-sottomissjoni ta' l-appellati li t-tieni eccezzjoni taghhom [simili ghat-tielet eccezzjoni filkaz odjern] saret bla pregudizzju, anki hawn hemm insenjament car u cioè illi (ara wkoll fost ohrajn iddecizjoni **Felice Fenech v. Carmelo Bellia** tad-29 ta' Jannar 1960 moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili) xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni opponiha in subordine bla pregudizzju ghall-eccepita preskrizzjoni, in vista tal-principju protestatis [recte: protestatio] contra factum non relevat u bil-fatt tieghu stess il-konvenut gie rrinunzja ghall-preskrizzjoni*".

F'sentenza ohra aktar recenti ta' dina l-Qorti diversament komposta moghtija fil-hamsa (5) ta' Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet '**Guido J. Vella A.&C.E. v. Dr. Emanuel Cefai LL.D**.' [già citata iktar 'l fuq f'din is-sentenza] intqal hekk:

*"L-eccezzjoni ta' l-appellant illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohra fosthom dik tal-preskrizzjoni, l-ammont mitlub mill-attur appellat kien esagerat u mhux dovut lilu fl-ammont minnu mitlub, hi inkonsistenti ma' l-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Din it-tielet eccezzjoni ma tistax ma tinftiehimx hlief bhala ammissjoni tal-kreditu imma li [hemm] kontestazzjoni tal-quantum."*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta b'mod car li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ma tistax u ma ghandhiex tigi milqugha u minflok il-Qorti ghandha tissokkta bil-provi dwar il-mertu.

Jinghad ghalhekk dak li verament ghandu jigi deciz huwa jekk it-talba tal-atturi hix gustifikata jew jekk ad dirittura hix verament esagerata. Illi in linea ma dak li ntqal aktar 'il fuq u cioe' li din il-kawza mhix ghad-danni kif donnu ftiehmu il-partijiet izda limitata ghal rimbors ta' flejjes li l-atturi hargu sabiex jirrippristinaw l-gardina ghall-istat li kienet qabel ma sar l-att ta' spoll, u wkoll, in vista ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, liema ricevuti ma gewx kontestati mill-konvenut fl-ebda stadju bhala quantum, gew biss kontestati dwar jekk verament kienx hemm dak l-ammont ta' sigar kif deskritt mill-espert Dr Charles Francis Grech u ghalhekk, jinghad li l-ammont kif likwidat aktar 'il fuq ghandu jirrizulta li huwa dovut lill-atturi.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, qieghda tilqa' it-talba attrici fis-sens li tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma inferjuri hekk likwidata minn din il-Qorti fl-ammont ta' elfejn, erba' mija u tmienja u ghoxrin ewro u disgha u erbghin centezmu (€2,428.49) bhala li hija dovuta lill-atturi in rapprezentanza ta' l-ispejjez li huma inkorrew sabiex irriprestinaw l-access u l-gardina u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta' Mejju 2011 fl-ismijiet '<u>Pauline Vella et vs Salvino Vella et</u>'.**

**Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 165/2013 a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------